MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta tat-22 ta' April, 2013

Talba Numru. 53/2013

**Euro Freight Services Ltd (C-25544)**
**Vs**
**Mohamed Amhamed Gumma (K.I. 192507L)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici titlob lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-intimat ihallas l-ammont ta' elfejn, mija hamsa u sebghin ewro u tnejn u erbghin centezmu (€2,175.42) rapprezentanti servizzi rezi lilu mill-istess socjeta' attrici; bl-imghax mid-data minn meta dan l-ammont sar dovut sal-hlas effettiv flimkien ma' l-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali numru 981/11.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fl-10 t'April, 2013 mill-Avukat Adrian Camilleri u l-fatt li li l-konvenut naqas li jidher

sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova il-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici fl-ammont ta’ elfejn, mija hamsa u sebghin ewro u tnejn u erbghin centezmu (€2,175.42) u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data ta’ meta l-ammont kien dovut sal-pagament effettiv inkluz dawk tal-ittra ufficjali numru 981/11.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------